Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14201/18

LIMITE

JURINFO 64
INF 216
JUR 540

PUBLIC

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0039(APP)**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 6687/17; 14026/17; 14026/1/17 REV 1; 14463/17 |
| Nru dok. Cion: | COM(2017) 87 final |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea<br>- Adozzjoni |

1. Fit-23 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*[1].

2. It-test ġie diskuss għall-ewwel darba fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġislazzjoni Elettronika (Leġislazzjoni Elettronika) fis-16 ta' Mejju 2017.

3. Id-delegazzjonijiet għamlu kummenti bil-miktub matul is-sajf tal-2017.

4. Wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġislazzjoni Elettronika (Leġislazzjoni Elettronika) fis-17 ta' Ottubru 2017, il-kummenti ġew integrati fil-proposta u tfassal test rivedut[2].

[1] Dokument 6687/17 JURINFO 8 INF 25 JUR 103
[2] Dokument 14026/1/17 JURINFO 77 INF 203 JUR 517

5. Id-delegazzjonijiet ikkonfermaw il-qbil tagħhom dwar it-test rivedut fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġislazzjoni Elettronika (Leġislazzjoni Elettronika) bil-miktub. Tneħħew ir-riżervi ta' skrutinju espressi kollha.

6. It-test ġie soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti tal-Kunsill. It-test li rriżulta jinsab fid-dokument 14463/17.

7. It-test rivedut intbagħat lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 352 TFUE. L-approvazzjoni tiegħu ngħatat fit-23 ta' Ottubru 2018.

8. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Coreper/Kunsill huwa mistieden jadotta r-Regolament kif jinsab fid-dokument 14463/17.